**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 15 T' APRIL, 2002**

**Numru: 7**

**Avviz Nru: 264/02 JB**

**Raymond Camilleri**

**vs**

**Sun Route Company Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm50.00c (hamsin lira Maltija) rappresentanti hlas ghal servizzi ta' 'disk jockey' ipprovduti mill-istess attur fl-14 ta' Settembru, 2001 fil-lukanda Santana, Triq il-Maskli, Qawra, San Pawl il-Bahar, operata mis-socjeta' konvenuta.

Mitluba thallas, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez u l-imghaxijet legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema lil attur jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm 50.00c (hamsin lira Maltija) rappresentanti hlas ghal servizzi ta' 'disk jockey' ipprovduti mill-istess attur fl-14 ta' Settembru, 2001 fil-lukanda Santana, Triq il-Maskli, Qawra, San Pawl il-Bahar, operata mis-socjeta' konvenuta, bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**